**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Mohamed Rajab Ali Alsagheer**

**Kumpilazzjoni numru 59/2016**

**Illum 4 ta' Marzu, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mohamed Rajab Ali Alsagheer** detentur tan-numru ta' passaport Libjan bin-numru HHR7R14Z u numru tar-REFCOM 18358/15 billi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-7 ta' Frar 2016 ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' filghodu (04:30am) minn Triq Santu Wistin, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

- Ikkommeta serq ta' handbag li kien fih mobile phone tal-ghamla Samsung Note 4 li jiswa Euro 600, Euro 80 fi flus kontanti, oggetti ohra u dokumenti personali ghad-dannu ta' Guendalisa-Marie Azzopardi u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur (aktar minn mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (Euro 232.94) pero' anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u

sebgha u tletin centezmu (Euro 2,329.37)), u bil-hin (Art 261(c), (f), 267, 270, 279(a) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

- Aktar talli kiser Ordni ta' Trattament ta' perjodu ta' sentejn moghtija fl-20 ta' Marzu 2015 mill-Magistrat Dr. G. Vella LL.D.

Il-Qorti giet mitluba li titratta mal-imputat bhala recediv ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proceduiment u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 8 ta' Frar, 2016.

**Ikkunsidart:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-Gimgha 4 ta' Frar, 2016 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat lil Guendalisa-Marie Azzopardi fejn qalet li hadet lura l-oggetti misruqa lilha.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza li l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi tkun piena karcerarja ta’ disa’ (9) xhur prigunerija.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(c), 261 (f), 267, 270 u 279(a) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah disa’ (9) xhur prigunerija.

Il-Qorti tiddikjara li z-zmien li l-istess imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz ghandhom jitnaqqsu miz-zmien li l-imputat irid jiskonta fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin in konnessjoni ma' din is-sentenza.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**